Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 8 – It-Tlieta 22 ta' Settembru 2015**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fit-3:00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Franco Ciangura | Sindku |
| | Kevin Cauchi | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Kareen Xuereb | Kunsilliera |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u giet preseduta mis-Sindku.

2.0 Gew ikkonfermati l-minuti tal-laqgħa ta' qabel.

**3.0 Korrispondenza u Kommunikazzjoni mis-Sindku**

3.1 Il-Kunsill iddiskuta l-korrispondenza mingħand Bernard Attard rigward Triq Wied ir-Rgħajjes. Il-Kunsill iddiskuta diversi rimedji għal din il-problema u qabel li għandu jibgħat għal dawn iż-żewġ sidien biex jiddiskuti magħhom l-aħjar soluzzjoni.

3.2 Ġiet trattata r-risposta mingħand il-Monitoring Unit tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali bi tweġiba għall-ittra mibgħuta mill-Kunsill fejn reġgħa tenna t-talba tiegħu jekk il-Kunsill jistax jagħmel xogħol ta' tindif fi Pjazza Madonna ta' Loretu. Fl-ittra tiegħu d-Dipartiment wieġeb li peress li l-art in kwistjoni qed tiġi wżata mill-pubbliku, d-Dipartiment ma jsibx oġġezzjoni li l-Kunsill jagħmel xogħol ta' tindif fuqha. Il-Kunsill qabel li din it-tweġiba għandha tiġi diskussa f'item għalih fl-agenda tal-laqgħa li jmiss.

3.3 Ġiet trattata l-ittra mingħand Marica Farrugia fejn talbet sabiex parti mill-bankina tar-residenza tagħha fi Triq Dun Franġisk Mizzi tiġi trasformata f'rampa.

Il-Kunsill qabel li għandu jilqa' din it-talba u jirranġaha permezz tal-ħaddiema tiegħu.

3.4 Ġiet trattata t-talba sabiex lampa li tinsab f'residenza fi Triq Wied Martin titressaq bi ftit piedi mal-istess residenza. Il-Kunsill qabel ma' dan.

3.5 Ġiet trattata l-ittra mingħand Transport Malta fejn infurmaw lill-Kunsill bi proposta ta' road hump fi Triq il-Heliport.

3.6 Ġiet trattata t-talba sabiex tiġi imħawwla siġra tal-ħarrub jew taż-żebbuġ bħala replacement ta' permess li tinqala' siġra tal-ħarrub. Il-Kunsill talab sabiex is-sid jipprovdi siġra taż-żebbuġ biex tiġi mħawwla f'Ta' Passi.

3.7 Ġiet trattata l-ittra mingħand Mario Cauchi mill-Ministeru għal Għawdex rigward pagamenti pendenti tal-konsum tad-dawl u l-ilma tal-funtana tat-Triq iċ-Ċief Għajnsielem. Il-meter tad-dawl u l-ilma jgħajjat lil Ministeru għal Għawdex u l-Kunsill qatt ma' kien responsabbli mill-konsum. F'dan ir-rigward il-Kunsill qabel li peress li qatt ma ffirma agreements jew kuntratti għall-obbligu ta' dan il-konsum, ma għandux iħallas il-kontijiet pendenti iżda jinfurmahom li lest li għandu jinqata' s-servizz u mil-lum 'l quddiem il-Kunsill jibda jassumi l-maintenance u r-running tal-funtana hu.

3.8 Ġiet trattata l-ittra mingħand ir-resident Joseph Camilleri fejn propona li Ġieħ Għajnsielem jibda jissejjaħ Ġieh Dun Karm. Il-Kunsill qabel li fil-futur qarib għandu jikkunsidra li jagħmel xi bust f'ġieħ Dun Karm u li anke jista' jiġi ntrodott xi premju ieħor li jissemma' għal Dun Karm.

3.9 Ġiet trattata l-ittra mingħand is-Sur Ray Bondin rigward xi lmenti fosthom sabiex jinżebgħu SLOW markings bejn Benghazi Street u Garden Street.

3.10 Ġiet trattata Memo 20/2015 rigward talba sabiex tintbgħat lista tan-niċeċ li hawn fil-lokal. Sar qbil li għandha titfassal lista u tintbgħat.

3.11 Inqrat ukoll l-ittra mingħand l-Għaqda Ħbieb tal-Presepju Għajnsielem rigward wirja li ser itellgħu bil-presepji u fejn talbu lill-Kunsill biex jgħin li titellgħa din il-wirja billi ssir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandu jgħaddi l-ammont ta' €300 u li għandu jitlob lill-istess għaqda sabiex din is-sena tkun hi li tmexxi l-kompetizzjoni tal-presepju f'Għajnsielem.

## 4.0 Xogħolijiet fil-Pjazza tad-Dehra

4.1 Is-Sindku rrefera għall-Bilateral meeting li għaliha attendiet is-Segretarja u li fiha kkonfermaw li d-deadline tal-proġett għandha tkun it-30 ta' Settembru. Il-Kunsill esprima l-koncern tiegħu li l-proġett ma jistax ikun li jitlesta sa dakinhar biex isir xogħol sewwa. Sar qbil li għandha tintalab estenzjoni sal-

aħħar t'Ottubru minħabba diversi fatturi li kkaġunaw id-dewmien fosthom it-tneħħija tar-rampa, l-fatt li ma setgħux jaħdmu żewġ kuntratturi flimkien għax wieħed seta' jagħmel ħsara lix-xogħol tal-ieħor u l-fatt tad-dewmien tal-kostruzzjoni tal-funtana.

4.2 Il-Kunsill qabel li f'dan l-istadju għandu jiġbor stimi għal-*lawn* meħtieġ.

4.3 Ġiet trattata l-ittra mingħand il-Perit tal-Proġett tal-Pjazza tad-Dehra, Godwin Sultana, fejn fiha rrefera għal fatt li l-Project Management tal-Proġett qed isir mill-ħaddiem tiegħu Mark Attard u għalhekk it-3% management fee għandha tkun dovuta lilu. Il-Kunsill ikkonferma li x-xogħol qed isir mis-Sur Attard u qed jagħmlu b'attenzjoni, għalhekk sar qbil rigward dan.

## 5.0 Stima ghall-bridges tal-Pjazza tad-Dehra

5.1 Saret referenza għall-fatt li meta bgħatna għal-tlett stimi għal wooden bridges tal-pjazza tad-Dehra daħlet stima waħda biss mingħand Chris Mifsud għal prezz ta' €11516.80. Il-Kunsill ra li l-istima hija eżaġerata u għalhekk sar qbil li għandu jinxtara l-injam u jsiru mill-ħaddiema tal-Kunsill għax importanti li sa l-aħħar tas-sena jkunu lesti.

## 6.0 Approvazzjoni tal-kontijiet tax-xogholijiet tal-Progett tal-Pjazza tad-Dehra

6.1 Is-Segretarja resqet żewġ invoices tal-Proġett tal-Pjazza tad-Dehra għall-approvazzjoni tal-Kunsill. L-invoice ta' Peter Paul Said li tammonta għal €16,984.87 tinkludi x-xogħol kollu li sar minnu filwaqt li l-invoice ta' Joe Grima li tammonta għal €21,215.00 tinkludi parti mix-xogħol. Il-Perit tal-proġett Godwin Sultana ċċertifika l-invoices bħala tajbin. Il-Kunsill għalhekk qabel li għandu jipproċedi bil-pagament tagħhom.

## 7.0 Wara l-laqgha ma' Transport Malta

7.1 Il-Kunsillier Peter Caruana rrefera għal-laqgħa ma' Transport Malta li attenda ghaliha huwa flimkien mas-Segretarja Lucienne Haber. Huwa rrefera għal fatt li Transport Malta fehmet it-talba tagħna u li wegħdet li malli jigu mplimentati t-tibdiliet f'Għawdex l-introduzzjoni tar-rotta 303, dik tar-rotta li tgħaqqad Victoria, Nadur, Qala, Għajnsielem ser tkun minn ta' l-ewwel li tiġi mplimentata. Transport

Malta aċċettat wkoll li din ir-rotta tibda tgħaddi minn Triq Hamri. Transport Malta talbet lill-Kunsill jimmarka eżatt ir-rotta proposta minnu u jibgħathielhom għall-approvazzjoni uffiċjali tagħhom.

## 8.0 Harġa għall-anzjani

8.1 Il-Kunsill qabel li għandu jorganizza ħarġa oħra għall-anzjani fuq talba tagħhom stess. Sar qbil li għandha bhas-soltu tinżamm quddiesa, żjara fuq il-monti u ikla. Bħala post ġie deċiż li jkun il-Horizon Restaurant fil-Qbajjar. Is-Sindku propona li għal żmien il-Milied tinżamm attivta' oħra għall-anzjani li tkun tinkludi wkoll attivita' edukattiva.

## 9.0 Bring-in-sites tal-Gudja

9.1 Il-Kunsilliera rreferew għall-iskart li qed jinġemgħa ħdejn il-Bring in Sites tal-Gudja u wrew it-tħassib tagħhom li l-iskart qed jintefgħa minn xi restorant fil-viċinanzi. Sar qbil li f'dan ir-rigward għandha tiġi nstallata camera kemm jista jkun malajr.

9.2 Saret refernza wkoll għan-nuqqas ta' dawl li hemm f'dan is-sit li huwa kaġunat mill-ħsara tal-wiring tad-dawl tal-playing field. L-istima biex jissewwa l-wiring kollu tammonta għal fuq minn €2967.79. Il-Kunsill qabel għalhekk li għalissa għandu jipprovdi b'effett immedjat dawl temporanju li l-installazzjoni tiegħu tammonta għal €172.22.

## 10.0 Xiri ta' Dog Litter Bins

10.1 Is-Segretarja preżentat stimi għal dog litter bins mingħand:-

Anton Zarb għall-prezz ta' €115 + VAT
Green skip Ltd għall-prezz ta' €113.95 + VAT
AB Supplies Ltd għall-prezz ta' 125 inkluż il-VAT

10.2 Bħala mudell il-Kunsill qabel li għandu jixtri l-bins provduti mingħand Anton Zarb għall-prezz ta' €115 + VAT. Sar qbil li għandhom jinxtraw 9 bins u jitpoġġew fil-Belvedere, fil-Gudja, fil-Playing field, fil-Pjazza Madonna ta' Loretu, ħdejn il-Monument tal-Gwerra, fi Triq Cordina, fi Pjazza Tolfa, fi Triq Merkanti, ħdejn il-Grand Hotel u fi Triq Sant'Antnin.

## 11.0 Xiri ta' bankijiet għal Triq l-Imġarr

11.1 Il-Kunsill evalwa l-offerti li kellu mitfugħa għax-xiri ta' bankijiet u qabel li għandu jixtri żewġ bankijiet oħra tal-mudell B009 mill-offerta mitfugħa mingħand Anton Zarb għal prezz ta' €272.49 -il wieħed.

## 12.0 Website tal-Kunsill

12.1 Is-Sindku rrefera għal fatt li l-Website tal-Kunsill bħala News Section waqgħet xi ftit lura. Huwa esprima l-fatt li jifhem li dan l-aħħar kien għaddej ħafna xogħol fil-Kunsill li kultant jagħmlu diffiċli li jinstab ħin li l-website tiġi updated. Hu staqsa jekk hux il-każ li titqabbad persuna li tieħu ħsieb l-artikli għalkemm idealment għandha tkun persuna ġol-Kunsill. Is-Segretarja semmiet li fix-xhur tas-sajf minħabba n-nofs ta' nhari, il-ħin kien xi ftit ristrett imma issa li ser jerġgħu jibdew il-ġranet għandu jinstab ħin li l-website minn żmien għal żmien tiġi updated bil-ġrajjiet importanti li jkollu l-Kunsill. Avviżi oħra ta' inqas importanza jistgħu jitħabbru bil-facebook tal-Kunsill.

12.2 Sar qbil ukoll li għandu jiġi kkuntatjat Joseph Sultana li jieħu ħsieb jiġbor ir-ritratti tal-Kunsill sabiex mal-pagament li ntuh annwali għandu jgħaddilna kopja tar-ritratti kollha fuq CD.

## 13.0 Attivitajiet ghal Ġimgħa t'Għajnsielem

13.1 Is-Sindku rrefera għall-attivatijiet marbuta mal-ġimgħa t'Għajnsielem li jkunu jinżammu fit-tieni ġimgħa ta' Diċembru. Sar qbil li bħala attivitajiet għandhom ikunu jikkonsistu f'wirja ta' talent għajnselmiż, wirja ta' ritratti u filmati dwar Bethlehem f'Għajnsielem u wirja dwar arti li għandha x'taqsam man-nativita' bil-kollaborazzjoni mal-iskola tal-Arti.

13.2 Is-Sindku ssuggerixxa wkoll li tkun haġa sabiħa li noħorġu xi tip ta' nċentiv biex inħeġġu lir-residenzi ta' madwar il-pjazza sabiex iżejjnu t-twieqi tagħhom bil-bambin.

13.3 Sar qbil ukoll li bħas-soltu, Ġieħ Għajnsielem jsir f'din il-Ġimgħa. Il-Kunsillier Larry Buttigieg ssuġġerixxa li għal din l-attivita' minflok li l-Kunsill jagħmel riċeviment għal mistednin, jiftaħ l-attivita' għal kulħadd billi ssir ikla jew festin u wieħed iħallas għalih personalment. Il-Kunsill qabel li għandu jiddiskuti xi tip ta' arranġament mal-Grand Hotel rigward ir-riċeviment ta' Ġieħ Għajnsielem.

## 13.0 Problemi bl-iskart u kampanja ta' tindif

13.1 Is-Sindku rrefera għal problemi ta' lmenti dwar skart u dwar il-ħtieġa li r-residenti għandhom ikunu nfurmati bir-rotot tal-ġbir tal-iskart kif ukoll tal-frekwenzi tal-knis fit-toroq tagħhom. Ġie propost li għandha ssir mappa li fuqha jkun hemm deskritt il-ħinijiet u d-drabi li jinġabar l-iskart u meta suppost tinkines kull triq u din il-mappa titqassam f'kull dar.

13.2 Sar qbil li dan kollu għandu jitġabbar f'kampanja ta' tindif li għandha ssir ukoll bil-kollaborazzjoni tal-iskola primarja. F'din l-istess kampanja għandhom jiġu ntrodotti l-litterbins tal-ħmieġ tal-klieb kif ukoll il-bins li ġew introdotti l-ewwel darba fil-jiem tal-festa.

## 14.0 Daħla tal-Grawd Dun Karm Cassar

14.1 Is-Sindku rrefera għat-talba li kien ressaq il-Club rigward tisbieħ fl-entratura tal-grawnd. Il-Kunsill għadu qed jistenna minn għandhom aktar dettalji nkluż l-istimi tal-perit għat-tisbiħ rikjest u mbagħad minn hemm ikun f'pożizzjoni jekk jistax jgħin jew le.

## 15.0 Proġett ta' Garden Street

15.1 Il-Kunsill iddiskuta dan il-Proġett mal-Perit. Sar qbil li l-Perit għandu jibgħat Bill of Quantities maqsum għax-xogħolijiet konċernati. Sar qbil ukoll li bħala turf isir dak artifiċjali u li x-xogħolijiet jiġu mqassma f'kuntratti differenti.

## 16.0 Proġett tal-entratura t'Għajnsielem

16.1 Il-Kunsill iddiskuta d-disinn provdut mill-Perit. Il-Perit spjega kif huwa propost li jsir crazy paving, xi arbuxell u turf artifiċjali. Sar qbil li għal frame jinħtieġ blokka għar-rijinfurzar tal-frame u saret diskussjoni dwar x'materjal għandu jintuża. Sar qbil li l-Perit għandu jkompli jaħdem fuq dan id-disinn u li l-Kunsill għandu jiċċekja jekk jista jinserixxi l-manutenzjoni tagħha ma' dawk tar-roundabouts tal-viċin. Sar qbil ukoll li għandna nitolbu lid-Direttorat tat-Turizmu fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex biex jgħinna f'dan il-proġett.

## 17.0 Tilqima tal-Influenza

17.1 Sar qbil li bħas-snin preċedenti għandha tingħata b'xejn il-labra tal-influenza lil dawk li huma ntitolati għaliha. Sar qbil li għandu jinħareġ avviż għall-pubbliku u meta jaslu t-tilqimiet inqabbdu żewġ tobba biex jkunu huma li jagħtu t-tilqima lil dawk li jinkitbu.

## 18.0 Laqgħa mal-Perit Shawn

18.1 Is-Sindku Franco Ciangura rrefera għal fatt li l-Perit Shawn Micallef ġie mistieden għal-laqgħa biex jispjega l-iżviluppi li seħħew wara li l-Perit iltaqa' mal-MEPA rigward xi proġetti proposti għal Għajnsielem fosthom dak tat-tindif tal-Wied. Il-Perit irrefera għal-laqgħa pożittiva li kellu mal-MEPA rigward il-proġett tal-Wied. Huwa semma' li l-MEPA ssuġġeriet li dan il-proġett jiddaħħal taħt l-iskema EIPP u li jista jiġi ffinanzjat sa' massimu ta' 70%. Huwa ssuġerixxa li l-proġett għandu jinqasam f'fażi li jinkludu tindif, restawr tal-arkata, passaġġi tal-injam u eventwalment jiġi trasformat f'aviary. Huwa semma' li din il-proposta ntlaqgħet tajjeb ħafna mill-MEPA speċjalment għal fatt li tikkonnettja l-port tal-Mgarr maċ-Ċentru tal-lokal. Il-Perit semma' li din l-applikazzjoni jinħtieġ li tiġi sottomessa sa' Jannar 2016. Il-Perit semma' wkoll li jinħtieġ li għandha tingabar kemm tista storja tal-Wied biex tiġi dokumentata u tkompli tikkumplimenta l-applikazzjoni.

18.2 Il-Kunsill qabel li għandu japplika għal dan il-proġett taht l-iskema EIPP u għandha tiġi sottomessa DNO mal-MEPA biex jitnaddaf il-wied. Sar qbil li f'dan l-istadju l-Kunsill għandu japplika għall-ewwel fażi, dik tat-tindif tal-wied. Sar qbil ukoll li għandna nibdew id-diskussjonijiet mas-sidien tal-għelieqi tal-wied u sar qbil li t-tieni stadju għandu jkun jinkludi r-restawr tal-arkata.

18.3 Waqt il-laqgħa mal-Perit, saret referenza wkoll għal proposta li propona s-Sindku Franco Ciangura, dik ta' silhoutte lights tan-Nativita' mas-sisien ta' Kemuna bħala promozzjoni tal-attivita' Bethlehem f'Għajnsielem 2015/2016 biex tattira kemm jista jkun maltin u turisti fi triqithom lejn Għawdex. Sar qbil li l-Perit għandu japplika għall-approvazzjoni tal-MEPA rigward dan.

## 19.0 Approvazzjoni tal-Pagamenti

19.1 Is-Segretarja preżentat l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni. Sar qbil li l-pagamenti għandhom jiġu proċessati. Saret referenza pero' għall-pagamenti dovuti lil Prostage Ltd għal kiri tas-sound għal Għajnsielemfest u għal fatt li huma €118 aktar mill-istima provduta. Is-Segretarja semmiet li fl-aħħar serata, l-provider irrimarka li ma kienx infurmat li ser ikun hemm *live instruments* u allura ma kwotax għall-apparat live u jinħtieg li jżid il-prezz rikjest. Il-Kunsill ma qabilx ma' din l-invoice u qabel li għandu jgħaddilu l-pagament provdut fuq l-istima dak ta' €550. Għall-ewwel serata, l-pagament tiegħu żdied ukoll b'€40

minn dak kwotat pero dawn tnaqqsu mill-ammont mitlub minn Novel band fuq arranġament li sar bejniethom.

## 20.0 Materji oħra

20.1 Għal-laqgħa kien mistieden is-Sur Joseph Scicluna rigward it-talba li huwa ressaq lill-Kunsill sabiex titwaħħal mera faċċata tar-residenza tiegħu biex jiġu evitati xi nċidenti hekk kif ikun ħiereġ bil-vettura tiegħu mill-garage peress li jinsab fi blind corner. Il-Kunsill esprima l-pożizzjoni tiegħu li ma jsib l-ebda oġġezzjoni li titpoġġa mera, li fil-fatt hija approvata minn Transport Malta bil-kundizzjoni li ma jkunx hemm problemi ma' terzi persuni. Għalhekk f'dan ir-rigward il-Kunsill talab lis-Sur Scicluna li jikkuntatja lir-residenza li quddiema ser titpoġġa l-mera biex iġib l-approvazzjoni tagħhom. Kemm il-darba jseħħ dan, il-Kunsill iwaħħal il-mera fil-post maqbul.

20.2 Sar qbil li għandna niċċekjaw ma' Transport Malta rigward l-aħjar wording għal fuq it-tabelli ta' No Entry u Entry to MCAST only li hemm fil-bidu ta' Triq J F De Chambray għax qed jiġu misinterpretati.

20.3 Ġiet trattata t-talba mingħand is-Sur Gino Vella sabiex issir xi tip ta' traffic management fi Triq Malta. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob il-pariri ta' Transport Malta f'dan ir-rigward.

20.4 Ġiet diskussa t-talba mressqa mis-Sur Salvu Attard sabiex tittranġa Triq il-Briegħen. Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat email lid-direttur Mark Formosa biex jekk inhu possibli jirranġawha.

20.5 Ġiet trattata wkoll it-talba mressqa mis-Sinjura Josephine Sammut sabiex isiru yellow lines fi Triq Barumbara kantuniera ma' Triq il-Firilla.

20.6 Ġiet diskussa wkoll it-talba sabiex isiru tabelli biex ma jħallux ħmieġ tal-klieb. Il-Kunsill qabel li l-introduzzjoni tad-dog litter bins għandha ssolvi parti minn din il-problema.

20.7 Il-Kunsilliera Karen Xuereb irreferiet għad-dawl baxx li hemm fil-Playing field. Sar qbil li għandna nistħarrġu jekk il-lampi jistgħux jinbidlu f'vultaġġ akbar.

20.8 Ġiet trattata t-talba mingħand il-Patrijiet ta' Sant'Antnin rigward l-attivita' li jagħmlu tat-tberik tal-annimali fejn għaliha s-soltu jġibu l-iScouts bil-kolloaborazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandu jikkuntatja l-Scouts tal-Mosta u jħallas lilhom u l-ispejjes tal-vapur.

Il-laqgħa ntemmet fit- 8:00 ta' filgħaxija.

**Franco Ciangura**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Ezekuttiv**